**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 31 ta' Jannar 2023**

**Rikors Nru. 407/2022 GM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Simon Stellini (K.I. numru 321271 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. ("il-Bank") li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> 1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 18 ta' Novembru 2010, (Dok. "A") u skrittura privata datata 12 ta' Ottubru 2010 (Dok. "B") is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Simon Stellini.

2. Is-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Simon Stellini fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf, tliet mija u wieħed u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€42,381.34) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loan Account', ta' Simon Stellini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C7") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-7 ta' April 2022 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Stellini:

(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Simon Stellini li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

4. L-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut Simon Stellini ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Mejju 2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżebita u mmarkata Dok 'D' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Stellini (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata, (b) kien inadempjenti fl-obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Simon Stellini li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi, u

2. Tikkundanna lil Simon Stellini jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tnejn u erbgħin elf, tliet mija u wieħed u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€42,381.34) bilanċ għad-debitu fil-"Home Loan Account" ta' Simon Stellini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C7") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-7 ta' April 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi minkejja li l-konvenut huwa debitament notifikat[1] baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi.

Semgħet il-provi mressqa mill-Bank attur.

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Diċembru 2022[2] li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex il-konvenut jippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet tiegħu iżda baqa' ma ppreżenta xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Kif ġia` ngħad, il-konvenut huwa kontumaċi iżda l-attur f'każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija kontestazzjoni.[3] Li jfisser li "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut".[4]

**Fatti:**

Il-Bank attur ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenut permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Novembru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef[5] u permezz ta'

---

[1] Fol 45 et seq.
[2] Fol 62.
[3] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.
[4] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35.
[5] Dok A a fol 5.

skrittura privata datata 12 t'Ottubru 2010[6]. Il-konvenut naqas li jħallas il-pagamenti dovuti minnu u għalhekk ġie interpellat iħallas il-pagamenti mensili permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Mejju 2021[7] iżda baqa' inadempjenti. Jirriżulta wkoll kif ikkonfermat minn Jason Zerafa xhud tal-attur[8], li l-Bank huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' €42,381.34 bilanċ għad-debitu ta' *Home loan Account*[9] flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-7 ta' April 2022.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-Bank attur ipprova t-talbiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi.

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Stellini (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata, (b) kien inadempjenti fl-obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-Bank.

[6] Dok B a fol 10.
[7] Dok D a fol 24.
[8] Seduta tat-12 ta' Diċembru 2022.

[9] Dok C1 a fol 17 sa C7 a fol 23.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tikkundanna lil Simon Stellini jħallas lill-Bank is-somma ta’ €42,381.34 bilanċ għad-debitu fil-*Home Loan Account* ta’ Simon Stellini mal-Bank flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-7 ta' April 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 5 ta’ Mejju 2021 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li ġie ppreżentat kontestwalment ma’ din il-kawża a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA